**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 666/2012 AF**

**J.F. Security & Consultancy Services Limited (C-13768)**

**vs**

**T.F.E.A. Limited (C-48326)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà attriċi J.F. Security & Consultancy Services Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti ipprestat numru ta' *security services* u servizzi relatati lis-socjetà intimata, b'inkarigu tal-istess socjetà intimata, u ghal dawn is-servizzi, s-socjetà intimata ghandha thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma bilancjali ta' tnax-il elf mija u sitta u hamsin Ewro u sitta u tletin centezmu (€12,156.36c).

Minkejja diversi talbiet mis-socjetà rikorrenti lis-socjetà intimata sabiex thallas din is-somma, is-socjetà intimata

baqghet inadempjenti u ma hallset xejn minn din is-somma bilancjali hawn reklamata.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fil-fehma tas-socjetà rikorrenti, s-socjetà intimata ma ghandha ebda eccezzjonijiet x'taghti dwar it-talba tas-socjetà rikorrenti, u ghalhekk qed jintalab li din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, u ghalhekk bil-procedura sommarja specjali.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà rikorrenti ipprestat numru ta' *security services* u servizzi relatati lis-socjetà intimata, b'inkarigu tal-istess socjetà intimata, u ghal dawn is-servizzi, s-socjetà intimata ghandha thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma bilancjali ta' tnax-il elf mija u sitta u hamsin Ewro u sitta u tletin centezmu (€12,156.36c).

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà rikorrenti din is-somma ta' tnax-il elf mija u sitta u hamsin Ewro u sitta u tletin centezmu (€12,156.36c).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ezekuttiva datata 14 ta' Frar 2012, debitament notifikata u mwiegba, u kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra s-socjetà intimata, li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2012 fejn peress illi l-Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta seta' kellha eċċezzjonijiet xi tressaq, ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta r-risposta tagħha għar-rikors ġuramentat tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta T.F.E.A. Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

In linea preliminari, is-socjetà esponenti mhux il-legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti kif diretti fil-konfront tas-socjetà esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-istess socjetà esponenti mhux debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ebda ammont.

L-inkluzjoni tas-socjetà esponenti bhala parti fil-kawza fil-kwalità ta' intimat hija superfluwa stante huwa a konjizzjoni tas-socjetà rikorrenti minn min hija dovuta s-somma reklamata fil-proceduri odjerni.

Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez dan ghandu jigi unikament soffert mis-socjetà rikorrenti stante li l-esponenti giet inkluza f'dawn il-proceduri inutilment u hija m'ghandhiex tbati l-ebda spejjez.

B'riserva ta' risposti ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal ħlas ta' servizzi reżi. L-attriċi tikkontendi li huwa dovut lilha mingħand is-soċjetà konvenuta s-somma komplessiva ta' €12,156.36 għal servizzi ta' sigurtà u servizzi oħra relatati.

Da parti tagħha, il-konvenuta teċċepixxi li hija mhijiex il-leġittimu kontradittriċi għat-talbiet attriċi u li fi kwalunkwe każ mhijiex debitriċi tagħha fl-ebda ammont. Teċċepixxi li l-attriċi

hija konxja dwar mingħand min hija dovuta s-somma riklamata u li għaldaqstant, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Mill-provi prodotti jirriżulta li permezz ta' skrittura datata 4 ta' Jannar 2010, is-soċjetà konvenuta ħadet b'titolu ta' lokazzjoni s-sit magħruf bħala '*Trade Fair Grounds'* fin-Naxxar mingħand Scicluna Estates. Il-kirja kellha tkun għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Diċembru 2009. Fost il-kundizzjonijiet stipulati ġie miftiehem li '*The tenant will provide for adequate and continuance security for all the leased premises and all the areas being used by it.*' Nonostante l-fatt illi fuq l-iskrittura ġie miftiehem illi l-kirja kellha tibda fl-1 ta' Diċembru 2009, mhux kontestat illi l-konvenuta effettivament ħadet pussess tas-sit fl-4 ta' Jannar 2010.

Jirriżulta li qabel is-sit inkera lill-konvenuta, Scicluna Estates kienet tagħmel użu mis-servizzi li toffri l-attriċi għas-sigurtà tas-sit. Minkejja li l-kirja saret għal perjodu ta' ħames snin, din ġiet terminata qabel skada z-zmien bi ftehim reċiproku bejn il-konvenuta u Scicluna Estates. Anthony Galea in rappreżentanza tal-konvenuta jikkontendi fit-30 ta' Marzu saru diskussjonijiet ma' Scicluna Estates dwar il-futur tagħhom fil-kirja tas-sit stante li ma kienux inħarġu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet. Ikompli billi jgħid illi f'laqgħa sussegwenti gie miftiehem li Scicluna Estates kellhom jieħdu ħsieb huma li jinfurmaw lill-attriċi li kienu ser jerġgħu jassumu responsabbilità għas-sigurtà tas-sit. Wara li l-konvenuta irrilaxxat is-sit, Scicluna Estates kompliet tagħmel użu mis-servizzi tal-attriċi.

Filwaqt illi l-konvenuta tikkontendi li hija ma baqgħetx responsabbli tas-sit mill-1 ta' April tal-2010, u li l-kirja ġiet fi tmiemha fit-30 ta' April 2010, Vincent Curmi għal Scicluna Estates xehed illi l-kirja ġiet terminata "f'Mejju jew Ġunju tal-2010".

Il-konvenuta ma tikkontestax illi s-servizz fil-fatt ingħata mill-attriċi imma tgħid li hija m'għandhiex tħallas għas-servizzi reżi f'Diċembru tal-2009 stante li kienet għadha ma daħlitx fis-sit, u lanqas wara l-1 ta' April 2010 għaliex kien ġie miftiehem ma'

Scicluna Estates li kellhom jerġgħu jidħlu responsabbli tas-sit huma. Tgħid ukoll illi m'għandhiex tħallas għas-servizz ta' *night patrol* għax-xhur li kienet responsabbli mis-sit għaliex dan is-servizz qatt ma ngħata.

Minn numru ta' *e-mails* skambjati bejn il-partijiet kif ukoll ma' Scicluna Estates jirriżulta li:

i. Permezz ta' *e-mail* datata 16 ta' Diċembru 2009, Matthew Formosa għan-nom tal-attriċi bagħat lil Anthony Galea kopja tal-ftehim illi huma kellhom ma' Scicluna Estates;

ii. Permezz ta' *e-mail* datata 4 ta' Jannar 2010, Anthony Galea bagħat jinforma lil Matthew Formosa li s-soċjetà li huwa jirrappreżenta kienet daħlet fis-sit b'effett minn dakinhar. Huwa talab *security guard* għal matul il-ġurnata kif ukoll is-servizz ta' żewġ *patrols* matul il-lejl;

iii. Permezz ta' *e-mail* datata 18 ta' Jannar 2010, Pamela Bezzina għan-nom ta' Scicluna Estates bagħtet tinforma lil Diane Galea, impjegata mal-attriċi, li Scicluna Estates kienu krew is-sit lis-soċjetà konvenuta u li b'lura minn Diċembru tal-2009, il-fatturi kellhom jintbagħtu lis-soċjetà konvenuta;

iv. Permezz ta' *e-mail* datata 25 ta' Mejju 2010, Anthony Galea bagħat jinforma lil Matthew Formosa li madwar ħmistax qabel kellu laqgħa ma' Marcus Marshall li kellu jinfurmahom li Scicluna Estates kienet reġgħet daħlet responsabbli tas-sit. Għal din l-*e-mail* Matthew Formosa wieġeb illi huwa ma kien jaf b'xejn. Talab illi l-konvenuta tħallas il-kontijiet pendenti. Anthony Galea wieġeb illi sa fejn kien jaf hu l-kontijiet għal perjodu minn Jannar sa Marzu kienu tħallsu.

In linea preliminari, il-konvenuta teċċepixxi li mhijiex il-leġittimu kontradittriċi għat-talbiet attriċi.

Fil-kawza fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deciza fit-3 ta' Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta spjegat illi:

*"Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jeħtieg illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Antoine Naudi noe vs John Abela Limited tat-2 ta' Ottubru 2009 qalet ukoll illi:

*"Jibda biex jigi kkummentat in linea preliminari illi biex soggett imharrek jew imsejjah fil-gudizzju jitqies li hu legittimu kontradittur, l-ezercizzju fuq daqshekk jinnecessita accertament fuq il-bazi tal-petitum, ossija rrizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur. In partikulari, il-principju jinvolvi l-ezami tar-rapport guridiku dedott f'dan il-gudizzju."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li din l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta ma tistax tiġi milqugħa. Mhuwiex kontestat illi l-partijiet kienu fil-fatt daħlu fi ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' sigurtà. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar x'kienu dawn is-servizzi u meta bdiet u spiċċat ir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom.

Il-konvenuta imbagħad teċċepixxi li mhijiex id-debitriċi tal-attriċi. Dwar is-servizzi reżi f'Diċembru 2009, din il-Qorti tqis illi l-konvenuta għandha raġun. Mill-iskambju ta' *e-mails* li jinsabu fl-atti jirriżulta li Anthony Galea kien ta struzzjonijiet ċari lill-attriċi li kien mill-4 ta' Jannar 2010 li l-konvenuta daħlet fis-sit u li kien minn dakinhar li ser tibda tħallas għas-servizzi tal-attriċi. Ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet skattat permezz tal-*e-mail* tal-4 ta' Jannar 2010 u huwa minn dakinhar illi l-attriċi tista' tippretendi l-ħlas. Ma tistax l-attriċi tippretendi ħlas għax-xahar ta' Diċembru 2009 abbażi ta' skrittura ta' lokazzjoni li hija *res inter alios acta* għaliha.

Kif proprju qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Central Mediterranean Development

Limited vs Direttur tal-Uffiċċju Konġunt et tas-16 ta' Diċembru 2011:

> "*Il-principju generali hu li kuntratt li fih persuna ma tkunx parti, hu res inter alios acta ghaliha. Dan il-principju hu rifless fil-Kodici Civili:-*
>
> *§* ***Artikolu 992(1)*** *"Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom;" u*
>
> *§* ***Artikolu 1001*** *"Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi.""*

Huwa veru li ċertu Pamela Bezzina għan-nom ta' Scicluna Estates kienet bagħtet tinforma lill-attriċi li b'lura minn Diċembru tal-2009 kienet il-konvenuta responsabbli għas-sigurtà tas-sit, imma b'daqshekk Scicluna Estates ma setgħux jorbtu lill-konvenuta. Proprju kif jipprovdi l-artikolu 999 tal-Kodiċi Ċivili, '*Ħadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu.*' L-attriċi setghet tivverifka mal-konvenuta jew talbet konferma mingħandha dwar dak illi kienu qalulha ta' Scicluna Estates. Dan ma jidhrix li sar.

Il-Qorti tinnota wkoll li fl-affidavit tiegħu, Peter Formosa għall-attriċi jispjega li Scicluna Estates kienu ħallsu għas-servizzi reżi fl-ewwel tlett ġranet tal-2010. Dan flimkien mal-fatt li l-ftehim ta' lokazzjoni ġie ffirmat proprju fl-4 ta' Jannar 2010 ikompli jsaħħaħ it-teżi tal-konvenuta li nonostante dak illi ġie stipulat fil-ftehim ta' lokazzjoni, kienu Scicluna Estates li kellhom iħallsu lill-attriċi sa dakinhar li ġiet iffirmata l-iskrittura bejn Scicluna Estates u s-soċjetà konvenuta. L-attriċi ma provdiet l-ebda spjegazzjoni oħra plawsibbli għalfejn Scicluna Estates ħallsu għall-ewwel tlett ijiem ta' Jannar 2010. Vincent Curmi baqa' ma spjegax għalfejn għas-servizzi reżi fl-ewwel 3 ijiem ta' Jannar ħallsu Scicluna Estates.

Riferibbilment għas-servizzi reżi fix-xhur ta' April u Mejju 2010, hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenuta ma tistax taħrab mill-obbligu kuntrattwali li ntrabtet bih billi tgħid li għal dak il-perjodu kellhom iħallsu Scicluna Estates. Bħalma l-konvenuta

ħadet ħsieb tavża lill-attriċi minn meta daħlet hi fiż-żarbun ta' Scicluna Estates u allura ntrabtet li tħallas għas-servizzi, kellha wkoll tieħu ħsieb tittermina l-kuntratt billi tibgħat tgħid lir-rappreżentanti tal-attriċi u mhux ħalliet f'idejn Scicluna Estates sabiex jgħidulhom huma.

B'żieda ma dan, il-Qorti tinnota li l-konvenuta ma ressqet l-ebda rappreżentant ta' Scicluna Estates sabiex jixhed dwar il-laqgħat fejn allegatament ġie miftiehem li Scicluna Estates għandhom jidħlu responsabbli għas-sigurtà tas-sit huma mill-1 ta' April 2010. Fuq kollox, kif jinsab ritenut, *'il-konvenut ma jista' jiddebita l-ebda ħtija fuq terz meta jonqos li jsejjaħ lil tali persuna fil-kawża.'* (Anthony Fenech noe vs Paul Gauci, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar 1994).

Jibqa' għalhekk il-kwistjoni tan-*night patrols*. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-konvenuta ma ssollevat l-ebda eċċezzjoni fis-sens illi l-ħlas ta' dan is-servizz mhuwiex dovut għaliex fir-realtà qatt ma ngħata. Fi kwalunkwe każ, il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova soda u rassikuranti li dawn il-*patrols* ma kienux qegħdin isiru. Anthony Galea jinsisti li kien impjegat u ċioè *security guard* tal-attriċi stess li kien ikun xogħol għassa mas-sit li qallu li l-*patrols* ma kienux qegħdin isiru. Madanakollu, dan mhuwiex biżżejjed għal konvinċiment tal-Qorti meta dan l-impjegat ma tressaqx sabiex jixhed quddiemha. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li ħadd mir-rappreżentanti tal-konvenuta ma kien jaf x'jismu dan l-impjegat meta skont Anthony Galea kien ikun fuq is-sit kuljum. Din it-teżi tal-konvenuta qegħda għalhekk tiġi skartata b'applikazzjoni tal-prinċipju *reus excipiendo fit actor*.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba, tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta u tilqa' t-tieni talba limitatament għall-ammont ta' tmint elef, mija u għoxrin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€8,120.76), u cioè għas-servizzi reżi f'April u Mejju tal-2010 kif ukoll għan-*night patrols*, u tilqa' t-tielet talba limitatament billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' tmint elef, mija u għoxrin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€8,120.76) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal kwart mill-attriċi u tlett kwarti mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG